MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 143/1999/1

Joseph u Josephine konjuġi Grech .

vs

Galea General Services Limited .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li premettew illi :

Illi permezz ta' kuntratt datat sittax (16) ta' Novembru, elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) sar kuntratt ta' permuta u bejgħ bejn l-atturi u s-soċjeta' konvenuta, permezz ta' liema kuntratt l-atturi akkwistaw minn għand is-soċjeta' konvenuta vettura tat-tip Citroen Berlingo, li ġġib in-numru tar-reġistrazzjoni JBB 141 bil-patt illi l-istess vettura kienet ġdida ;

Illi l-permuta kienet tikkonċerna l-bdil ta' vettur tat-tip Citroen 15 ta' kulur aħmar, bir-reġistrazzjoni numru FBG 934, liema vettura kienet ġiet akkwistata mill-atturi minn għand is-soċjeta' konvenuta; mal-vettura fuq imsemmija tat-tip Citroen Berlingo;

Illi din il-permuta kienet neċessarja stante illi l-vettura bir-reġistrazzjoni numru FBG 934 kienet ġiet akkwistata mill-atturi bħala ġdida iżda wara rriżulta illi l-istess vettura kellha difett illi ma jidhirx u ċioe' kienet maħbuta u miżbugħa u b'xi partijiet minnha mibdulin ;

Illi riċentement ġie a konoxxenza ta' l-atturi illi l-vettura Citroen Berlingo, oġġett tal-kuntratt ta' permuta u bejgħ fuq imsemmi, ma kinitx ġdida meta ġiet konsenjata lilhom, imma fil-fatt kienet maħbuta u miżbugħa wkoll bħal vettura preċedenti illi wkoll kienet ġiet konsenjata lilhom mis-soċjeta' konvenuta ;

Illi d-difetti imsemmija, kemm fil-vettura bir-reġistrazzjoni numru FBG 934 u fit-tieni vettura ċioe' s-Citroen Berlingo, huma difetti illi ma jidhrux ;

Illi fil-każ fejn issir permuta japplikaw il-liġijiet illi japplikaw fil-każ ta' bejgħ ;

Illi għalkemm s-soċjeta' konvenuta ġiet ġiet interpellata sabiex tersaq għar-rexissjoni tal-bejgħ u għar-rifużjoni ta' l-ammont kollu tal-flus li l-atturi ħallsu meta akkwistaw it-tieni vettura jiġifieri s-Citroen Berlingo, s-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti ;

Illi s-soċjeta' konvenuta rrifjutat illi għall-anqas tirrifondi lura lill-atturi ammont ekwivalenti għat-telf fil-valur tal-vettura Citroen Berlingo, stante illi l-atturi xtraw l-istess vettura bi ġdida iżda fil-fatt irriżulta illi hija maħbuta u miżbugħa u għaldaqstant il-prezz tal-vettura msemmija huwa ferm anqas mill-prezz illi ħallsu l-atturi .

Talbu lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi l-vettura Citroen Berlingo, oġġett tal-permuta u bejgħ fuq imsemmija, hija afflitta minn difetti illi ma jidhrux ;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-atturi ammont ta' flus illi jirrappreżenta t-telf fil-valur tal-vettura imsemmija, liema ammont għandu jiġi stabbilit permezz ta' periti nominandi ;

3. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas ammont ta' flus rappreżentanti d-danni kollha illi sofrew l-istess atturi stante illi dan in-negozju sar b'qerq u b'malizzja da parti tas-soċjeta' konvenuta illi kellha konoxxenza sħiha tal-fatt illi l-vettura Citroen Berlingo fuq imsemmija ma kenitx ġdida, aktar u aktar stante illi din is-sitwazzjoni rrepetiet ruħha darbtejn fil-konfront ta' l-atturi .

Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura u ta' l-ittra uffiċjali tat-tnejn (2) ta' Awissu elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) u bl-interessi skond il-Liġi .

U bl-inġunzjoni tas-soċjeta' konvenuta li għaliha minn issa hija mħarrka .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Grech .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta li eċċepiet illi :

1. Illi in linea preliminari ċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla in kwantu ma fihiex spjegat ċar u kif titlob il-liġi r-raġuni u t-talbiet tal-atturi, kif ukoll għaliex ma jirriżultax jekk l-atturi humiex qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni stimatorja (kif donnu jidher mit-tieni talba tagħhom) inkella l-azzjoni redibitorja (kif donnu jidher mis-sitt paragrafu tal-premessi tagħhom; u għaldaqstant l-esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma huwiex veru illi l-vettura Citroen Berlingo JBB 141 ma

kenitx ġdida meta ġiet konsenjata lill-atturi, jew illi din kienet maħbuta qabel tali konsenja ;

3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, anke kieku fil-fatt kien veru illi l-vettura de quo kienet maħbuta u ma kenitx ġdida (ħaġa li kif ingħad fuq qegħda tiġi kontestata mill-esponenti), dan minnu nnifsu ma jammontax għal difett moħbi fit-termini tal-liġi u għalhekk l-azzjoni attriċi kif intentata ma tista' qatt tiġi milqugħa ;

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi imkien ma ippremettew illi l-esponenti jew id-diretturi tagħha kienu jafu bl-allegat difett moħbi, u kwindi fi kwalunkwe każ, it-tielet talba ta' l-atturi ma ssegwix mill-premessi tagħhom u ma tistax tiġi milqugħa ;

5. Illi anke kieku saret tali premessa, tali l-allegazzjoni kienet tkun totalment infondata fid-dritt u fil-fatt stante illi assolutament mhux veru illi s-soċjeta' eċċipjenti kellha konoxxenza ta' xi fatt simili, u għalhekk din it-talba tibqa' dejjem ma tistax tintlaqa' .

6. Illi finalment, u mingħajr b'ebda mod ma qiegħed jiġi ammess dan il-fatt, il-pretensjoni illi s-sempliċi fatt illi vettura jkollha ħabta jirriduċi l-valur tal-vettura hija wkoll kontestata .

7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess soċjeta' konvenuta maħlufa minn Michael Galea .

Rat il-verbal tagħha tas-6 ta' Gunju 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda u affidavits prodotti .

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu r-rifużjoni ta' parti mill-prezz imħallas minnhom lis-soċjeta' konvenuta għal karozza mixtrija mingħandha u li allegatament kellha difett moħbi . Qed jitolbu wkoll id-danni konsegwenzjali għal dan il-bejgħ .

In linea preliminari s-soċjeta' konvenuta eċċepiet in-nullita' taċ-ċitazzjoni għax : "*ma fihiex spjegat ċar u kif titlob il-liġi r-raġuni u t-talbiet tal-atturi, kif ukoll għaliex ma jirriżultax jekk l-atturi humiex qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni stimatorja (kif donnu jidher mit-tieni talba tagħhom) inkella l-azzjoni redibitorja (kif donnu jidher mis-sitt paragrafu tal-premessi tagħhom*" . L-artiklu 156(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili jistipula illi :

"(i) **Iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur u għandu jkun fiha –**

**(a) tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba ;**

**(b) it-talba jew it-talbiet, li għandhom ikunu numerati".**

Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna, l-liġi ma tirrikjedix kliem partikolari għal kif għandha tiġi formulata ċitazzjoni, imma biżżejjed jinftiehem xi jkun qed jitlob l-attur, b'mod li l-kawżali tista' tkun espressa anke lakonikament; tista' tkun saħansitra ndotta mid-domanda, u jekk ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni, biżżejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva . Infatti l-Prim'Awla fil-kawża "**Paul Demarco vs Francesco Fiteni**" (vol. XLI. II. 1035) fissret sew ir-*raison d'etre* ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, meta qalet illi :

"***L-iskop ta' dik id-dispożizzjoni huwa li l-parti l-kuntrarja tkun informata minn qabel il-ġurnata tat-trattazzjoni bil-pretensjoni tal-attur u bl-estensjoni ta' dik il-pretensjoni, sabiex tkun tista' taċċetta dak li jidhrilha li huwa sewwa u tipprepara ruħha għad-difiża***

***f'dak li jidhrilha li mhux sewwa***" (ara wkoll kollez. Vol. XXI. I. 259; XXXIV. I. 313) .

Fil-każ in eżami ma jidhirx illi s-soċjeta' konvenuta ġiet preġudikata fid-difiża tagħha bil-mod kif ġiet ifformulata ċ-ċitazzjoni preżenti . Infatti hija ppreżentat l-eċċezzjonijiet kollha li dehrilha rilevanti għall-każ mingħajr ebda xkiel . Di piu' permezz ta' verbal tal-legali ta' l-atturi fl-ewwel udjenza f'din il-kawża, a skans ta' kull ekwivoku, ġie dikjarat illi l-azzjoni esperita minnhom kienet dik estimatoria,[1] u l-kawża baqgħet dejjem tiġi ttrattata bħal tali . Għalhekk ma teżisti ebda raġuni għaliex għandha tiġi dikjarata xi nullita' minħabba dak li ġie ndikat mill-konvenuti, u din l-eċċezzjoni qed tiġi minnufih respinta .

Permezz ta' l-hekk imsejjħa **azzjoni stimatorja**, l-attur li lilu tiġi mibjugħa ħaġa b'difetti moħbija "***illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom***"[2] jagħżel illi "***jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabilita mill-Qorti***". [3]

Għalhekk sabiex tirnexxi din l-azzjoni jridu jissussistu żewġ kondizzjonijiet u ċioe' li d-difett huwa (1) wieħed **gravi** u wkoll (2) li kien **moħbi .**

(1) Dwar l-ewwel kondizzjoni intqal fid-dottrina illi : "*Ogni difetto, per quanto sia piccolo, non puo' essere un vizio redibitorio . Se si fosse ammesso il compratore a far sciogliere la vendita per un difetto insignificante della cosa venduta, la stabilita' dei contratti e della proprieta' sarebbe stata scossa . I difetti gravi sono dunque i soli di cui si possa tener conto . Il giudizio sulla gravita' dei difetti e una questione di fatto … Ma il legislatore … ha indicato il criterio che dev'essere di guida ai giudici per fare quest'apprezzamento : I difetti sono gravi* ***quando rendono la cosa non atta all'uso cui e' destinata o che diminuiscono considerevolmente le ulitita'*** *che*

[1] Ara verbal tat-2 ta' Marzu 2000 a fol. 10 tal-process .
[2] Art. 1424 kap.16 .
[3] art.1427 kap.16 .

*quest'uso poteva dare, tal che il compratore non avrebbe comprato o avrebbe dato un prezzo minore, se li avesse conosciuti . Bisogna dunque che le utilita' della cosa siano considerevolmente diminuite; una diminuzione leggera non basterebbe … "* [4]

Dawn il-kriterji huma simili ħafna għal dak li nsibu fil-liġi tagħna,[5] bid-differenza illi, minflok diminuzzjoni fl-utilita', l-liġi tagħna ssemmi l-**valur .** Fil-każ in eżami l-atturi qed jikkontendu illi minħabba d-difett li kellha l-karozza ġdida mixtrija mingħand is-soċjeta' konvenuta, huma ġew offruti prezz sostanzjalment inqas meta ġew biex jerġgħu ibigħuha . Infatti pproduċew id-*dealer* tal-karozzi li eventwalment xtara din il-karozza mingħand l-atturi, li kkonferma illi din il-karozza huwa stmahielhom ħames mitt lira maltija (Lm500) inqas minħabba dan id-difett, fejn qabel ma nduna bl-istess difett kien offrielhom erbat'elef u ħames mitt lira maltija (Lm4500)[6] . Differenza ta' wieħed minn disa' (1/9) fil-prezz offrut tista' titqies bħala diminuzzjoni sostanzjali fil-valur ta' l-oġġett mibjugħ, u għalhekk din l-ewwel kondizzjoni tidher sodisfatta .

(2) Dwar it-tieni kondizzjoni, u ċioe' li d-difett irid ikun moħbi, ingħad fid-dottrina kontinentali rigward kondizzjoni simili għal dik li nsibu fil-liġi tagħna, illi : "*Bisogna che i vizi siano occulti. L'art. 1641 lo dice espressamente .* ***'Il venditore e' tenuto a garantire la cosa venduta dai vizi occulti**.*' (c.f art. 1424 kap. 16 tal-liġi tagħna) . *E l'art. 1642 accentua cio' aggiungendo :* ***'Il venditore non e' tenuto pei vizi apparenti che il compratore avrebbe potuto da se' stesso conoscere***' . (c.f art. 1425 kap.16) . *Quando i vizi sono apparenti, si presume che il compratore abbia accettata la cosa coi suoi vizi e non puo' essere ammesso di ritornare su questa convenzione .*

*Il vizio si deve considerare come occulto tutte le volte che il compratore non ha potuto scoprire merce' un esame*

[4] Baudry – Lacantinerie : Trattato Teorico - Pratico di Diritto Civile : della Vendita e della Permuta : para. 416 pag. 437 .
[5] art. 1424 kap. 16 .
[6] ara depożizzjoni ta' Charlie Galea a fol. 39 - 46 tal-process .

*attento della cosa venduta; si deve al contrario, considerare come apparente tutte le volte che con un esame attento, che un uomo serio porta negli affari che tratta,il compratore ha potuto notarli . Un difetto non e' occulto per cio' solo che il compratore non l'ha visto; se questo non ha fatto della cosa se non un esame superficiale non puo' prevalersi d'un vizio che dipendeva da lui di notare . L'art. 1462* (simili għall-artikolu 1425 tal-liġi tagħna) *dice che il vizio e' apparente, se il compratore ha potuto da se' stesso conoscerlo; dunque quando il venditore prova ch'era possibile al compratore, al momento della vendita, di scoprire il vizio, questo vizio non e' occulto*.[7]

Din hija appuntu d-difiża tas-soċjeta' konvenuta . Ma kien hemm xejn moħbi fid-difett allegat mill-atturi, u dan setgħu jindunaw bih kieku flew il-karozza daqsxejn sew meta kienet għadha fis-showroom . Ma kien hemm xejn moħbi[8] . Infatti l-atturi qed jilmentaw illi l-karozza, minkejja li suppost inbiegħet bħala ġdida, għada ħierġa mill-fabbrika, kellha l-ġemb tagħha li kien reġa' ġie misbugħ, u dan kif irrilevalhom id-*dealer* Charlie Galea, li mbagħad xtara l-istess karozza minn għandhom . Alfred Micallef, ir-rappreżentant ta' Mizzi Automotive Service, li kienu importaw il-karozza mixtrija mill-atturi, u li eżaminaha wkoll fuq talba tagħhom, ikkonferma biss illi huwa ra "*sinjali qishom ta' drops … ta' lacquer, drops ta' żebgħa fuq il-ġemb*"[9] . L-attur jgħid illi meta mar jara l-karozza, kienu s-sebgħa ta' filgħaxija u kien dlam ċappa, u allura ma seta' jinduna bl-ebda difetti . Barra minn hekk ipprova jiġġustifika ruħu billi stqarr li ma jifhimx għax mhux tal-mestier[10] . Imma kif intqal tant tajjeb mill-istess awtur hawn fuq ċitat :

"*Noi crediamo anzi che l'inabilita' e l'inesperienza del compratore non permettano di considerare come occulto, rispetto a lui, un vizio che una persona piu' competente avrebbe avvertito; chi non ha le cognizioni necessarie per*

[7] op. cit. para. 418 pag.438 - 439 .
[8] ara affidavit ta' Michael Galea Dok. G 1 a fol. 61 - 62 tal-process .
[9] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 49 .
[10] ara depożizzjoni ta' l-attur, partikolarment a fol. 18 .

*stimare la cosa che vuole comprare, deve domandare il concoso di persone capaci di farlo'. Cosi' chi vuoe comprare una casa deve,se non conosce egli stesso le costruzioni, ricorrere ai consigli di un architetto; ma non potra' invocare la sua inabilita', la sua ignoranza per far sciogliere la vendita per vizi o difetti che egli non ha visti, ma che niente nascondeva . Tanto vale fare della cosa un esame superficiale, quanto farlo da solo, quando non si e' capace*." [11]

Terġa' fil-każ tagħna l-attur kien ġia kellu esperjenza simili meta kien xtara l-ewwel karozza mingħand l-istess soċjeta' konvenuta, u żmien wara li akkwistaha sar jaf illi din ukoll ma kienitx biż-żebgħa oriġinali tal-fabbrika . Iżjed messu għalhekk qagħad attent din id-darba u jekk ma kienx jifhem biżżejjed jieħu lil xi ħadd tal-mestier li jkun jista jindikalu mal-ewwel id- difetti li seta' kellha l-karozza li kien ser jerġa' jieħu mingħand l-istess aġent .

Għal dawn ir-raġunijiet jista' għalhekk jingħad illi ma ġietx sodisfatta t-tieni kondizzjoni tad-difett moħbi li trid il-liġi . Konsegwentement mingħajr din il-kondizzjoni lanqas ma tista' tirnexxi t-talba għad-danni ntentata wkoll mill-atturi . Talba simili, kieku kellha tiġi sodisfatta l-kondizzjoni tad-difett moħbi, kienet tirnexxi biss kieku kellu jiġi ppruvat illi l-venditur kien jaf b'dan id-difett u xorta waħda biegħha[12] . F'każ li ma kienx jaf b'dan id-difett il-venditur huwa obbligat biss li jrodd lura l-ispejjeż tax-xirja[13] . Fil-każ in eżami, pero' ma ġie bl-ebda mod ippruvat illi s-soċjeta' konvenuta, jew aħjar Michael Galea, li deher għaliha f'dan in-negozju, kien jaf bid-difetti lmentati mill-atturi meta ġie biex ibigħelhom il-karozza in kwistjoni . Anzi proprju minħabba l-esperjenza li kien ġia għadda minnha, meta kellu jbiddel il-karozza l-oħra li kien xtara preċedentement minn għandu l-attur, huwa ried jaċċerta ruħu illi ma jerġgħax jiġrilu xi ħaġa simili, u allura ħa l-prekawzjonijiet kollha possibbli, tant illi assikura ruħu illi l-importaturi jibgħatulu karozza ġdida eżattament kif irċevewha minn barra, u ċioe' kif kienet għadha miksija bil-wax, li huwa

---

[11] op. cit. para. 418 pag. 439 .
[12] art.1429(I) tal-kap.16 .
[13] art.1429(2) tal-kap.16 .

*protective coating* li jagħtu lil karozzi, biex ma tiġrilhomx ħsara mill-elementi sa kemm idumu fuq il-baħar, qabel ma jaslu għad-destinazzjoni tagħhom . Għalhekk anke għax ma ġiet ippruvata ebda *malafede* fir-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta, lanqas it-tielet talba għad-danni ma tista tirnexxi .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta fuq il-mertu, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------